# Minuti

## Seduta Nru. 10/2011

Data: Il-Ġimgħa, 25 ta' Marzu 2011

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali ta' Birkirkara, Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

Preżenti:
Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
John Mary Zahra
Jane (Yvonne) Spiteri
Mario Xuereb
Rudolph Cini
Michael Fenech Adami – Sindku, Kunsill Lokali Birkirkara
Christopher Galea – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali L-imsida.

## AĠENDA

1. Talba
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti
3. Punti mqajma mill-Minuti
4. Korrispondenza
5. Attivita' ġewwa s-Swatar li ser issir f'Settembru 2011
6. BOQ Ħruġ tal-Offerti fuq il-Playing Field tal-Imsida *(żdiedet wara li għaddiet mozzjoni)*
7. Estimi Annwali 2011 tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar
8. Kampanja tal-BLS (*Basic Life Support*)
9. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*
10. Affarijiet Oħra
11. Aġġornament

## Kontenut

Annex A Minuti 10/2011

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

Mary Rose Mifsud (*Chairperson*), Jimmy Zahra (Viċi *Chairperson*), Yvonne Spiteri, Mario Xuereb, Rudolph Cini
***Kunsill Lokali Birkirkara***
Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara BKR 2527 – TEL: 21442626, FAX: 21442644
***Kunsill Lokali L-Imsida***
Pjazza Menqa, Msida MSD 9090 – TEL: 21334343, FAX: 21342424
***Aġent Segretarju Kumitat Amministrattiv Swatar***
TEL: 22002308, FAX: 22002313, email: christopher.galea@gov.mt

**Minuti 10/2011**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fil-5:45pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 8/2011 li saret nhar iż-17 ta' Frar 2011 u s-Seduta b'urġenza 9/2011 li saret nhar il-11 ta' Marzu 2011 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Kien hemm korrezzjoni fil-Minuti 8/2011 f'item 8.3.1 fejn wara li tispiċċa s-sentenza jridu jiżdiedu l-kliem *'Dan ma jgħoddx għal credit cards'*. Wara ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.2 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-għada stess tal-laqgħa rċieva r-risposta tat-TM fejn qed jgħidu li l-ħsara hija kkawżata minħabba li meta l-post kien qed jinbena, ma sarx *waterproofing* adekwat. Is-Segretarju Eżekuttiv informa bit-telefon u bagħat kopja tal-email lis-Sur Magrin fejn qallu li wara li ħa parir minn żewġ periti u t-tnejn qed isostnu li m'hix responsabbilta' tal-Kumitat, il-Kumitat ma jistax imur kontra il-pariri u l-ħsara trid tittranġa mill-individwu. Fuq din ir-risposta kellmithu wkoll is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai. Is-Sur Magrin għandu jiċċekkja mas-sid tal-post tiegħu sabiex jipprova jirranġa l-ħsarat.

Ilment tas-Sur Daniel Magrin.

**3.2** **Fuq punt 3.6 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-mappa dalwaqt tkun lesta u kif tkun finalizzata, jibgħata lill-membri sabiex jilħqu jippjanaw it-tibdiliet u jiddiskutuhom fil-laqgħa li jmiss.

Mappa ta' *Traffic Flow.*

**3.3** **Fuq punt 3.7 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li din il-materja għada pendenti pero tista tiġi diskussa meta l-Kumitat jkun qed jiddiskuti it-Traffic Management.

Ismijiet ġodda tat-Toroq.

**3.4** **Fuq punt 3.11 –** Is-Sur Mario Xuereb ma kellux iċ-ċans ikellem lis-Superjur.

Tabella ta' *No Entry* fi Triq tal-Qattus minħabba l-Mużew.

**3.5** **Fuq punt 3.12 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li s-sid tal-ħanut bagħat l-applikazzjoni lit-TM wara li l-Aġent Segretarju rranġalhu l-applikazzjoni sabiex tkun iktar dettaljata.

*Loading and Unloading Bay.*

**3.6** **Fuq punt 3.13 –** Is-Sur Jimmy Zahra għadu ma kellimx lill-persuna li għamlet l-ilment għax ma rnexxilux jiltaqa' miegħu.

Talba għall-*Sleeping Policeman.*

**3.7** **Fuq punt 3.14 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-applikazzjon ġiet approvata mit-TM iżda mhux bħala parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita' imma bħala parkeġġ awtorizzat temporanjament sakemm ittella jew tniżżell il-klijenti. Ir-raġuni hi li t-TM ma joħorġux permessi ta' parkeġġ riservat liċ-Ċentri. Issa jonqos li minn naħa tal-Kunsill, issir iż-żebgħa biex jiġi indikat dan il-parkeġġ.

*Parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita'*

**3.8** **Fuq punt 3.16 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-proġett għadu pendenti. Tabelli ta' Informazzjoni fit-Toroq.

**3.9** **Fuq punt 3.20 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li għad ma kellux iċ-ċans sabiex jirranġa laqgħat ma dawn l-aġenziji. Problema ta' Parkeġġ.

**3.10** **Fuq punt 3.21 –** Is-Sur Mario Xuereb qal li kellu ftit ċans u mar b'ħarba sabiex jieħu r-ritratti u ma kellux ċans ikellem lis-Sur Jimmy Zahra biex imorru flimkien. Issa qegħdin f'idejn l-Aġent Segretarju sabiex jieħu azzjoni fuqhom. Siti Perikolużi.

**3.11** **Fuq punt 3.22 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ser ikun hemm laqgħa ma' Dr Chirs Said rigward il-Kumitati Amministrattivi fejn din id-diffikulta' tista titressaq dak in-nhar. Peress li hija l-ewwel darba li l-Kumitat ser jorganizza l-laqgħa pubblika u peress li għad hemm xi diffikultajiet li hemm bżonn li jiġu ċċarati, din il-laqgħa ma tistax issir għalissa imma ser ssir aktar tard matul is-sena. Il-Kumitat qabel. Laqgħa Pubblika tal-Kumitat.

**3.12** **Fuq punt 1.1.4 (Minuti 9/2011) –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-ittra bid-deċiżjoni tal-Kumitat intbagħtet lis-Sinjura Magrin. Attivita' fis-Swtar

## 4. Korrispondenza

**4.1** Ma kien hemm ebda korrispondenza x'tiġi diskussa.

## 5. Attivita' ġewwa s-Swatar li ser issir f'Settembru 2011

**5.1** Il-Kumitat staqsa lis-Sur Michael Fenech Adami li peress li l-atttivita' ser tkun iffinanzjata mill-Ewropa, għandu bżonn ikun jaf kemm il-Kumitat għandu flus allokat biex ikun jista' jonfoq għall-attivita'. Attivita' fis-Swtar

5.1.1 Is-Sur Michael Fenech Adami qal li jekk ikun il-każ il-Kunsill jista' jitlob għal ftit aktar fondi iżda skont xi ħsieb għandu l-Kumitat. L-attivita' xorta kienet ser issir f'Birkirkara u la darba ġurnata minnhom ser issir ġewwa s-Swatar, il-fondi li kienu ser jintefqu għal dik il-ġurnata jistgħu jintefqu s-Swatar. Barra minn hekk, parti mill-attivita' ser tkun il-film festival fejn ikun hemm sitt films qosra għaddejjin il-ħin kollu u jintwerew fuq televiżjonijiet kbar. Ser ikun hemm ukoll xi stands tal-ikel. Jekk jaqbel il-Kumitat, fil-ġurnata tal-Attivita' li ser issir is-Swatar, it-televiżjonijiet jiġu trasferiti s-Swatar u l-films jintwerew hemm. Barra minn hekk, is-Sur Fenech Adami ta' l-idea li dan l-film festival isir fi triq u mhux x'imkien magħluq. Għandha tkun attivita' sempliċi li ħriġt in-nies mid-djar u qed jiltaqgħu ma' xulxin. Jekk imbagħad il-Kumitat isib lil xi persuni li jridu juru t-talenti tagħhom waqt l-attivita' m'għandiex tkun problema.

5.1.2 Il-Kumitat qabel li l-attivita' issir bħala Film Festival skont kif propona is-Sur Michael Fenech Adami u iktar 'l quddiem jiddeċiedu l-post jew triq fejn din l-attivita' għandha ssir.

5.1.3 ** Is-Sur Michael fenech Adami ħareġ mill-laqgħa minħabba mpenji oħra.*

## 6. BOQ tal-Ħruġ tal-Offerti fuq il-Playing Field tal-Imsida.

**6.1** Iċ-Chairperson resqet mozzjoni u ġiet issekondata mis-Sur Mario Xuereb sabiex tidħol fl-aġenda dan it-titolu peress li wara li nbagħtet l-aġenda, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv irċieva l-BOQs tat-tender mingħand il-Perit tal-Kunsill u riedu jiġu diskussi b'urġenza. Il-Kumitat qabel unanimament. Tender tal-Playing Field.

6.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li qabel ma joħroġ it-tender, kien hemm bżonn li t-tender jiġi ċċekjat minn xi ħadd tekniku. Għal dan il-għan l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, wara li bgħatlu t-tender, iltaqa' mal-Perit tal-Kunsill L-Imsida fuq il-post sabiex jispjegalu eżatt x'hemm bżonn li jsir u qallu li jekk irid iżid mat-tender jista' imma hemm €16,000 ivvutati u ma jistax jinqabeż dak l-ammont jekk mhux bi ftit. Spjegalu wkoll li peress li mhux ser ikun hemm ħadd li jissorvelja l-*pitch*, il-Kumitat irid xi ħaġa li jkollha l-inqas manutenzjoni u tkun b'saħħitha u mhux xi ħaġa fina. Imbagħad il-Perit wara li evalwa t-tender, bagħat il-*bill of quantities* lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kumitat.

6.1.2 It-total tat-tender skont kif qed jipproponi l-Perit fil-*bill of quantities* jammonta għall- €42,960. Dan l-ammont jinkludi l-affarijiet kollha li hemm bżonn biex jitwettaq il-proġett. Il-Perit fl-email niżżel ukoll li kif kienet ser toħroġ it-tender, ix-xogħol ma kienx ser ikun bl-*istandards* kif għandhom ikunu u l-*bill of quantities* li bagħat huma konformi mal-*istandards*.

6.1.3 Il-Kumitat ikkonkluda li għalkemm l-ispesifikazzjonijiet li ta l-Perit jinkludu sa l-inqas dettal, l-ammont ta' €42,960 huwa ammont eċċessiv li l-Kumitat m'għandux il-fondi għalih. Għalhekk il-Kumitat iddeċieda li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jikkontattja lill-*Malta Standards Authority* sabiex jara x'jirrikjedu l-*istandards* tat-turf artifiċjali u wara l-Membri tal-Kumitat flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv jiltaqgħu mal-Perit u jiddiskutu kif ser joħroġ it-tender b'ammont li jiflaħ iħallas il-Kumitat.

## 7. Estimi Annwali 2011 tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar

**7.1** L-Aġent Segretarju ressaq quddiem il-Kumitat l-Estimi Annwali li ġie ppreparat minn naħa tal-Kunsill Lokali Birkirkara kif ukoll tal-Kunsill tal-Imsida. Minn dawn iż-żewġ budgets huwa stmat li l-Kumitat ser jivdallu sa l-aħħar tas-sena €16,000 mhux minfuqa. Estimi Annwali 2011

7.1.1 L-Aġent Segretarju spjega ċerti partijiet ta' dawn id-dokumenti lill-Kumitat. Dawn id-dokumenti għad iridu jiġu approvati mill-Kunsilli rispettivi pero l-Kumitat diġa għandu indikazzjoni ta' fejn ser imorru l-ispejjeż kif ukoll ta' kemm huwa stmat li jfaddal sa l-aħħar tas-sena. Kif jiġu approvati mil-Kunsilli rispettivi, dawn jistgħu jitressqu quddiem il-Kumitat għall-approvazzjoni.

## 8. Kampanja tal-BLS (Basic Life Support)

Kampanja Basic Life Support (BLS)

**8.1** Iċ-Chairperson bdiet tispjega rigward il-Kampanja tal-BLS. Il-Kumitat, flimkien ma' ħames Kunsilli oħra kif ukoll bil-għajnuna ta' Dr Chris Said għandhom jippromwovu sabiex kull ċittadin jiġi mħeġġeġ u jagħmel il-course tal-BLS. B'hekk iktar ma jkun hemm nies li jafu jagħtu BLS, iktar jonqos iċ-ċans li għall-ftit minuti, persuna tista' titlef ħajjitha meta tiġi f'sittwazzjoni li l-ambulanza ma tkunx tista tkun fuq il-post immedjatament peress li ma tkunx fil-qrib.

8.1.1 Dan il-kors idum bejn 4 u 5 sigħat u mqassam billi fl-ewwel sezzjoni titgħallem kif tagħmel is-CPR u t-tieni sezzjoni titgħallem kif tuża l-magna tal-AED (Automated External Defibrillator). Wara li persuna tispiċċa l-kors tingħata ċertifikat li jkun validu għall-tlett snin.

8.1.2 Dan il-kors jingħata mill-Assoċjazzjoni ta' Dr Maryrose Cassar u jiswa €60 iżda jekk jiġi provdut il-post fejn isir u l-ikel, il-prezz jinżel għall-€40. Dan il-prezz jikkonsisti l-iktar f'materjal li jitqassam lill-parteċipanti waqt il-kors.

8.1.3 Il-launching ta' din il-Kampanja għandha tkun mill-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar u mbagħad għandha tinfirex f'kull raħal permezz ta' tqassim ta' posters u flyers.

8.1.4 Din il-kampanja tinvolvi billi l-Kumitat jiftiehem ma' l-entitajiet kollha konċernati li jinkludu d-Dipartiment tas-Saħħa, l-Assoċjazzjoni eċċ. biex tiġi organizzata din il-kampanja. Ikun hemm Dr Maryrose Cassar li ħa tkun tikkoordina x'se jkun hemm fil-korsijiet u fejn ser torganizzhom fi ġranet differenti skont il-lokalitajiet li ħa jidħlu fiha. Isiru taħdidiet ma' Dr Said sabiex il-Kumitat jara jekk ma tistax toħroġ xi skema u l-parteċipanti jkunu jistgħu jattendu l-kors jew b'xejn jew bi prezz ridott. Issir press conference flimkien mad-Dipartiment tas-Saħħa u Dr Chris Said sabiex il-kampanja tiġi launched. Fil-press conference titħabbar id-data meta ser jibdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. B'hekk din il-kampanja tiġi promotjata permezz tal-media, gazzetti, posters u flyers. Il-Kumitat jara kemm ser ikun hemm parteċipanti u jkun hemm data jew dati li jkunu stabbiliti minn qabel ma Dr Cassar sabiex isiru l-korsijiet.

8.1.5 Is-Sur Mario Xuereb qal li jista' jkun hemm l-ewwel problema minħabba li l-flus ser toħodhom NGO. Il-Kumitat għandu jiċċekkja u jkun ċert li skont il-liġi, din tista' ssir.

8.1.6 Is-Sinjura Yvonne Spiteri qalet li l-ewwel m'għandhu jsir hu li l-Kumitat jiċċekkja jekk hemmx xi kumpaniji jew NGOs oħra li jagħtu dawn it-tip ta' korsijiet bħalma jista' jkun hemm ir-Red Cross u s-St John Ambulance Brigade u tintalab kwotazzjoni minn għandhom.

8.1.7 Il-Kumitat unanimament jaqbel mal-kunċett kollu tal-kampanja iżda jrid jiċċara ċerti punti sabiex ikun ċert li qed jimxi skont il-liġi tal-Kunsilli Lokali.

8.1.8 Il-Kumitat għandu l-ewwel jiċċekkja jekk dan il-kors ma jsirx minn kumpaniji oħra u tintalab kwotazzjoni minn kull kumpanija. Wara l-Aġent Segretarju għandhu jieħu linji gwida mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fuq il-punti kollha li tqajmu u kif jista' jwettaq dan il-proġett fil-parametri tal-liġi. Wara il-Kumitat ikun jista' jkompli jiddiskuti kif ser jipproċedi bil-kampanja.

## 9. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**9.1** Ic-Chairperson qalet li tixtieq torganizza xi ħaġa li jkun hemm tema reliġjuża. Issir tipo ta' diskussjoni bħalma kienet l-Assemblea tal-Parroċċa.

Kunsill taż-Żagħżagħ

9.1.1 Is-Sinjura Yvonne qalet li mhux l-irwol tal-Kumitat li jorganizza dawn it-tip ta' diskussjonijiet għax diġa hemm għaqdiet li jagħmluhom.

9.1.2 Ic-Chairperson qalet li iktar milli diskussjoni tixtieq li tinvolvi ż-żagħżagħ sabiex ma jitilfux l-opportunita' tal-Kunsill taż-Żagħżagħ.

9.1.3 Is-Sur Mario Xuereb qal li l-Ħadd li għadda meta l-Kumitat kellu l-laqgħa ma' l-Arċisqof, kien hemm persuna li tieħu ħsieb għaqda tal-Knisja u ġie miftihem li tiġi skedata laqgħa fil-bidu ta' Ġunju meta ż-żagħżagħ ikunu spiċċaw l-eżamijiet u l-Kumitat ikun jista' jiddiskuti l-Kunsill taż-Żagħżagħ miegħu.

**9.2** Ic-Chairperson qalet li hi tixtieq li jibdew isiru attivitajiet anki edukattivi.

Residenti li jixtiequ jagħmlu volontarjat.

9.2.1 Is-Sinjura Yvonne Spiteri issuġġeriet li l-Kumitat javviċina dawk in-nies bħal penzjonanti li għad għandhom x'joffru lis-soċjeta'.

9.2.2 Is-Sur Mario Xuereb issuġerixxa sabiex issir karta li tiqassam lir-residenti kollha tas-Swatar li kull min jaħseb li għandu x'joffri bħala servizz għal komunita' tas-Swatar, jiġi f'dik id-data u f'dak il-ħin għal laqgħa mal-membri tal-Kumitat. Il-Kumitat imbagħad jiltaqa' magħhom u jara l-idejat tagħhom.

9.2.3 Il-Kumitat qabel mall-proposta tas-Sur Xuereb.

9.2.4 Il-Kumitat iddeċieda li l-messaġġ għandu jkun hekk:- Fl-okkażjoni tas-sena tal-volontarjat 2011, Il-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar jixtieq iħeġġeġ is-sens tal-volotarjat tar-residenti fil-komunita' tiegħu. Kull min jixtieq jagħti servizz lill-komunita', jiġi għal laqgħa mal-Kumitat fil-post u d-data miftehma.

9.2.5 Il-Kumitat iddeċieda wkoll li jiġi preparat kollox sabiex titqassam sa nofs April ħalli fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju fis-6pm issir il-laqgħa.

**9.3** Ic-Chairperson qalet li ċempillha tat-TCTC għax irid jagħmel laqgħa mal-Kumitat fuq il-possibbilta' li jibda jorgazza korsijiet tal-kompjuter ġewwa s-Swatar sabiex ir-residenti jkunu viċin. Il-Kumitat iddeċieda li għalkemm hemm diġa problema ta' premises u apparat, il-Kumitat xorta jista' jiltaqa' miegħu u jara x'se joffri. Wara sta għall-Kumitat li jiddeċiedi jekk x'ma jaċċettax. Laqgħa mat-TCTC

**9.4** Ic-Chairperson qalet li l-Kumitat għandu jiftiehem ħin sabiex imur u jara x'inhu jsir fuq tarmac u l-bankini ġodda ta' Triq il-Ġostra. Barra minn hekk il-Kumitat jiltaqa' mar-residenti tat-triq stess ħalli jara xi problemi għandhom. Tarmac fi Triq il-Ġostra.

9.4.1 L-Aġent Segretarju qal li l-problema tal-bankina diġa ġiet indirizzata għax is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai ċemplulha r-residenti jilmentaw li l-bankina kif saret quddiem blokk ta' garaxxijiet partikolari, tant ġiet għolja li l-karozzi la jinżlu u l-anqas jitelgħu ma jistgħu. L-Aġent Segretarju kellem persuna inkarigata mit-TM fuq il-kostruzzjoni tat-Triq. Din il-persuna qaltlu li Triq il-Ġostra kullma hemm skont il-permessi tal-MEPA huma tlett id-djar. Il-bankina pruvaw ibaxxuha kemm jista' jkun imma tant min bena l-garazzijiet għamilhom l-isfel li ma jistgħux ibaxxu iktar il-bankina. Dak in-nhar stess, il-persuna nkarigata mit-TM marret fuq il-post biex tagħmel inspection u spjegat lir-residenti involuti li l-problema jridu jsolvuha mas-sid min bena l-garaxxijiet.

**9.5** Ic-Chairperson qalet li l-Kumitat li trid jagħmel laqgħa ma' Haurice, tal-librerija tal-Furjana sabiex jispjega lill-Kumitat x'jista' jsir mill-għad edukattiv sabiex ir-residenti jkunu mħeġġa li jaqraw il-kotba. Edukazzjoni mill-Qari

## 10. Affarijiet Oħra

**10.1** L-Aġent Segretarju ressaq għall-approvazzjoni żewġ applikazzjonijiet għall-devoluzzjoni li ntbagħtu lid-Dipartiment. Dawn huma: Devoluzzjonijiet

10.1.1 Garage fi Triq Anthony Sammut sabiex ikun bħala Annex tal-Kumitat u jkun jista' jintuża mhux biss għall-laqgħat iżda sabiex il-Kumitat ikollu post fejn jista' jiltaqa' mar-residenti f'ħinijiet li l-Kunsill ma jkunx miftuħ; u

10.1.2 Art li tinsab bejn Triq tas-Sisla, Triq il-Qampiena u Triq Mro. Camilleri sabiex din l-art tkun tista' tinbidel fi spazju miftuħ u organizzata b'tali mod li jitgawda mir-residenti kollha tas-Swatar.

10.1.3 Il-Kumitat qabel unanimament ma' dawn iż-żewġ applikazzjonijiet.

**10.2** L-Aġent Segretarju ċempell lis-Sur Michael Cohen, President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali sabiex jistaqsieh fuq il-Memo 12/2011 li nħarġet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward xogħlijiet ta' Manutenzjoni fuq Oqsma tal-Bini tal-Gvern. Memo 12/2011

10.2.1 Is-Sur Cohen irrisponda li meta kien hemm il-laqgħa ma' l-Awtorita' tad-Djar, qamet *issue* li l-Kunsilli, qabel ma jkunu jistgħu jagħmlu xi manutenzjoni fuq oqsma tal-Gvern għandhom bżonn xi tip ta' awtoriżazzjoni jew devoluzzjoni. Ġiet risolta billi permezz tal-Memo 12/2011, il-Gvern qed jagħti l-awtoriżazzjoni biex ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jsiru, dejjem bi ftehim ma' l-Awtorita' tad-Djar.

10.3 ** Is-Sur Rudolph Cini ħareġ mill-laqgħa fis-7:05pm minħabba mpenji oħra.*

## 11. Aġġornament

**9.1** Il-laqgħa spiċċat fit-8:00pm. Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ġimgħa 6 ta' Mejju 2011, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imsida.

_____________________ 
*Chairperson*, KAS

_____________________ 
Aġent Segretarju, KAS

_____________________ 
Data

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| **Ref.** | **Suġġett** | **Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa** | **Entita' / Persuna Responsabbli** |
|---|---|---|---|
| **3.2** | **Fuq punt 3.6** Mappa ta' *Traffic Flow.* | Issir mappa li jkun hemm fiha t-*traffic flow* kollu tas-Swatar. | Aġent Segretarju |
| **3.3** | **Fuq punt 3.7** Ismijiet ġodda tat-Toroq | Tinġabar lista ta' Toroq li huma bla isem jew li jridu jinbidlilhom isimhom. | Aġent Segretarju |
| **3.4** | **Fuq punt 3.11** Tabella ta' *No Entry* fi Triq tal-Qattus minħabba l-Mużew. | Is-Sur Mario Xuereb imur ikellem lis-superjur. | Is-Sur Mario Xuereb |
| **3.6** | **Fuq punt 3.13** Talba għall-*Sleeping Policeman* | Is-Sur Jimmy Zahra, rigward il-mera, ser jerġa jkellem lir-resident sabiex jara jekk hix biżżejjed u jekk hix qed tkun effettiva. Il-Kumitat qabel. | Is-Sur Jimmy Zahra |
| **3.7** | **Fuq punt 3.14** *Parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita'* | Isir parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita' quddiem iċ-Ċentru tad-Diżabilita' fi Triq il-Balliju Guttenberg. | Aġent Segretarju |
| **3.8** | **Fuq punt 3.16** Tabelli ta' Informazzjoni fit-Toroq. | L-Aġent Segretarju għandu jaħdem fuq il-proġett tat-tabelli ta' informazzjoni u direzzjonijiet fejn qegħdin il-ħwienet. Kif ilesti d-dettalji tal-proġett, iressqu quddiem il-Kumitat sabiex jiddiskutih. | Aġent Segretarju |
| **3.9** | **Fuq punt 3.20** Problema ta' Parkeġġ | Il-Kumitat jiltaqa' mal-aġenziji li hemm fi Triq it-Torri. | Aġent Segretarju |
| **3.10** | **Fuq punt 3.21** Siti Perikolużi. | Jintbagħatu r-ritratti tas-Siti Perikolużi lill-Kunsill. | Aġent Segretarju |
| **3.12** | **Fuq punt 3.22** Laqgħa Pubblika | Din id-diffikulta' titqajjem waqt il-laqgħa ma' Dr Said. | Aġent Segretarju |
| 5.1.2 | Attivita' fis-Swtar | Il-Kumitat għandu jiddeċiedi fejn ser issir l-attivita' ta' Settembru. | Kumitat |
| 6.1.3 | Tender tal-Playing Field. | L-Aġent Segretarju Eżekuttiv jikkuntattja lill-MSA u wara l-Kumitat jiltaqa' mal-Perit sabiex jiddiskuti l-BOQs. | Aġent Segretarju / Kumitat |
| 8.1.8 | Kampanja Basic Life Support (BLS) | Il-Kumitat għandu l-ewwel jiċċekkja jekk dan il-kors ma jsirx minn kumpaniji oħra u tintalab kwotazzjoni minn kull kumpanija. Wara l-Aġent Segretarju għandhu jieħu linji gwida mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fuq il-punti kollha li tqajmu u kif jista' jwettaq dan il-proġett fil-parametri tal-liġi. Wara il-Kumitat ikun jista' jkompli jiddiskuti kif ser jipproċedi bil-kampanja. | Aġent Segretarju / Kumitat |

| Ref. | Suġġett | Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|---|
| 9.1.3 | Kunsill taż-Żagħżagħ | Tiġi skedata laqgħa fil-bidu ta' Ġunju meta ż-żagħżagħ ikunu spiċċaw l-eżamijiet u l-Kumitat ikun jista' jiddiskuti l-Kunsill taż-Żagħżagħ. | Aġent Segretarju |
| 9.2.5 | Residenti li jixtiequ jagħmlu volontarjat. | Titqassam nota lir-residenti sa nofs April ħalli fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju fis-6pm issir il-laqgħa. | Aġent Segretarju / Kumitat |
| **9.3** | Laqgħa mat-TCTC | Issir laqgħa mat-TCTC | Aġent Segretarju / Kumitat |
| **9.4** | Tarmac fi Triq il-Ġostra. | Il-Kumitat għandu jiftiehem ħin sabiex imur u jara x'inhu jsir fuq tarmac u l-bankini ġodda ta' Triq il-Ġostra. Barra minn hekk il-Kumitat jiltaqa' mar-residenti tat-triq stess ħalli jara xi problemi għandhom. | Kumitat |
| **9.5** | Edukazzjoni mill-Qari | Issir laqgħa ma' Haurice tal-Librerija tal-Furjana. | Aġent Segretarju / Kumitat |